**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Il-5 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **l-Erbgħa 17 ta' Lulju 2013 fis-2pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Opportunitajiet ta' Fondi mill-Unjoni Ewropea**
4. **Rapport mill-Kunsillieri dwar il-Ħidma Tagħhom f'din il-Leġiżlatura**
5. ***Bye-Laws*** **mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi**
6. **Rapport taż-Żjara tar-Rappreżentanti mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi fil-Comune di Ficulle**
7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
8. **Finanzi**
9. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-5 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 17 ta' Lulju 2013 fis-2:00 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tal-5:00 ta' wara nofsinhar.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tar-4 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

1.2 Dwar Minuta 6.9, is-Sindku David Schembri qal li l-isem tal-fuljett tal-Kunsill Lokali inbidel tlett darbiet mill-1993 sal-lum.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 14/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 14/2013 – Permessi tal-krejnijiet online.**

2.2 Inqrat Memo 15/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 15/2013 – L-użu tal-Internet Banking.**

2.2.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li l-*internet banking* tal-Kunsill jibda jintuża' għal ċerti transazzjonijiet, bl-awtorizzazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv u tas-Sindku.

2.3 Inqrat Memo 16/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 16/2013 – Kontribut finanzjarju ta' Kunsill Lokali għal xiri ta' materjal edukattiv għall-Iskejjel.**

2.4 Inqrat Memo 17/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 17/2013 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Streaming tal-Laqgħat on line.**

2.4.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li l-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema.

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż dwar rapport ta' spejjeż elettorali – Elezzjonijiet tal-**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Kunsilli Lokali 2013.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa mill-Uffiċċju Elettorali – Is-sistema tat-telefonija fl-Evans Building ħa tkun interrotta s-Sibt 13 ta' Lulju 2013.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa mill-Uffiċċju Elettorali.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***RE: Updating of Data held by DLG.***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Invit**.

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Lorraine Nicole Vella għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***3rd Quarter Allocation 2013.***

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Lorraine Nicole Vella għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Libreriji 2013**.

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onorevoli Joe Mizzi, bit-titlu **Laqgħat ta' Konsultazzjoni.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Elizabeth Vassallo mir-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***Regional Sports Festival.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 42/2013 – BICREF.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 43/2013 – *RadioActive Europe.***

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 44/2013 – Sejħa għall-Interess mill-Assoċjazzjoni ta' Muniċipalitajiet Taljani mir-Reġjun ta' Campania.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Onorevoli Anthony Bezzina, bit-titlu **Laqgħa ta' Konsultazzjoni.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Anthony Bezzina, bit-titlu ***Poor quality works in base course at* Triq Ħaġar Qim, Qrendi.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Anthony Bezzina, bit-titlu ***Qrendi amendments.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Segretarju Eżekuttiv tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M125 – Site Plan Reference.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Segretarju Eżekuttiv tal-GAL Xlokk, bit-titlu **Proposti għal Organizazzjonijiet ta' Attivitajiet Kulturali u Edukattivi – Miżura GXL 413-A6.**

2.21.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li l-ħsieb hu li jkun organizzat Festival ieħor, din id-darba l-Festival tas-Sajjieda f'Wied iż-Żurrieq.

2.21.2 Żied li din hija proposta u m'għandniex garanzija li nakkwistaw dawn il-fondi. Din l-attivita' hija maħsuba għat-12 t'Ottubru 2014.

2.21.3 Is-Sindku David Schembri ppropona li nistgħu napplikaw biex isiru esebizzjonijiet differenti fis-sala tal-Kunsill, bħalma huma esebizzjonijiet tal-passatempi.

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Segretarju Eżekuttiv tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Xlokk Branding Billboards – Request for submissions by GALs Local Council Members.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Oliver Farrugia mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, bit-titlu **Maqluba.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Henry Attard, bit-titlu ***New Premises for Qrendi Local Council.***

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Zerafa, Segretarju tas-Soċjeta'

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Mużikali Santa Marija Qrendi, bit-titlu **Laqgħa mas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Alison Camilleri mill-MEUSAC, bit-titlu ***MEUSAC Assistance on EU Funds.***

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Maria Mallia, Uffiċċju tal-Komunikazzjoni tal-MEPA, bit-titlu **Reviżjoni tal-Pjanijiet Lokali.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Marthese Baldacchino mill-MEPA, bit-titlu ***UIF Statement of Funds.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kurt Bonnici mill-Bank of Valletta, bit-titlu ***Eforms – Ecommerce Facilities PCI Questioner.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Julia Farrugia, bit-titlu **Ġnien tal-Kmand.**

2.30.1 Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu danm il-Ġnien m'għandux jibqa' miftuħ minħabba li ma jkunx hemm superviżjoni u tista' ssir xi ħsara. Żied li dan għandu jinfetaħ għal dawk kollha li jridu jżuruh kull ħin u jum tal-ġimgħa b'sempliċi appuntament mal-Kunsill Lokali.

2.30.2 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li hi ma taqbilx li l-ftuħ ta' dan il-Ġnien għandu jkun b'appuntament, imma li għandu jkun miftuħ għall-pubbliku matul il-ġurnata.

2.30.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li fil-preżent dan il-Ġnien mhuwiex jitgawda għax kważi jkun dejjem magħluq.

2.30.4 Is-Sindku spjega kif m'hemmx min joqgħod jissorvelja dan il-Ġnien waqt li jkun miftuħ minħabba li l-impjegat tal-ELC irid jieħu ħsieb ir-raħal kollu.

2.30.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li għandna nistaqsu lill-IPSL dwar jekk kemm-il darba jistgħux jibagħtu lil xi ħadd min-naħa tagħhom sabiex joqgħod għassa ma' dan il-Ġnien.

2.30.6 Il-Kunsillier Daniela Farrugia pproponiet li jekk kemm-il darba huwa difficli

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

li jiftaħ matul il-ġimgħa kollha, għallinqas dan il-Ġnien għandu jiftaħ darbtejn fil-ġimgħa.

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Francelle Sciberras, bit-titlu **Triq Filippu Zammit.**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Tanti, bit-titlu **Spazju ta' Parkeġġ.**

## 3. OPPORTUNITAJIET TA' FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

3.1 Is-Sindku David Schembri qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon kellhom laqgħa mal-MEUSAC u dan sabiex ikunu jafu x'interessi partikolari għandu l-Kunsill Lokali.

3.2 Qal li fuq nett tal-Aġenda, fost l-oħrajn kien hemm il-ġemellaġġ kif ukoll il-*lifelong learning.*

3.3 Saret diskussjoni wkoll fuq il-bini l-ġdid tal-Kunsill Lokali. Qal li l-Kunsill Lokali jista' jibda l-binja u jekk toħroġ xi skema wara li jinbeda x-xogħol, il-Kunsill Lokali xorta waħda jkun jista' japplika għaliha.

3.4 Fl-aħħarnett is-Sindku qal li dawn ir-rappreżentanti li ltqajna magħhom kienu mistiedna għal-laqgħa tal-lum.

## 4. RAPPORT MILL-KUNSILLIERI DWAR IL-ĦIDMA TAGĦHOM F'DIN IL-LEĠIŻLATURA

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li kull tlett xhur il-Kunsillieri għandhom iressqu rapport dwar ix-xogħol li jkunu għamlu fix-xhur ta' qabel.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.2 Qal li l-ewwel rapport irid jinkludi l-ewwel sitt xhur ta' din il-ħidma u għandu jitressaq fil-laqgħa ta' Settembru 2013.

## 5. *BYE LAWS* MILL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali nqabad f'sitwazzjoni fejn għandu bżonn li jew jirranġa l-*bye laws* eżistenti jew inkella jinħarġu *bye laws* ġodda.

5.2 Qal li waħda minn dawn il-*bye laws* għandha tkun dwar il-BBQs sabiex dawn ma jibqgħux isiru fl-akwati tal-Qrendi.

5.2.1 Żied li ħafna drabi l-problema tkun minħabba li huma diversi l-persuni li ma jafux fejn għandhom jitfgħu l-ġamar li jifdal mill-BBQ.

5.2.2 Kompla li anke fil-kampanja miftuħa qegħdin isiru l-BBQs u dan hu ta' detriment għall-kampanja.

5.2.3 Qal li fl-opinjoni tiegħu m'għandhomx ikunu permessi BBQs fil-lokalita' tagħna.

5.2.4 Il-Kunsillier Olympia Sant straqsiet jekk jistgħux jiġu nstallati *bins* sabiex jintrema' l-ġamar ġo fihom.

5.2.5 Is-Sindku min-naħa l-oħra staqsa dawn fejn se jitpoġġew minħabba li jrid ikun hemm attenzjoni sħiħa fuqhom.

5.2.6 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li jekk kemm-il darba l-Kunsill jagħmel il-*bins* għall-ġamar, ikun qiegħed iħeġġeġ sabiex isiru aktar BBQs.

5.2.7 Il-Kunsillier Olympia Sant qalet li forsi l-Kunsill Lokali għandu jsib żoni fejn in-nies ikunu jistgħu jagħmlu BBQ sabiex ikunu jistgħu jirrikreaw ruħhom.

5.3 Is-Sindku ppropna li f'loki pubbliċi m'għandhomx jingħataw permessi

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

sabiex isiru BBQs.

5.3.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' din il-proposta.

5.4 Is-Sindku semma' wkoll il-Kappella ta' San Mattew u Misraħ il-Maqluba.

5.4.1 Qal li wasal iż-żmien li l-Kunsill Lokali joħroġ *bye law* sabiex jibda jsir ħlas lill-Kunsill sabiex isir tindif wara l-quddiesa tat-tieġ. Dan minħabba li x'ħin ikunu ħerġin il-miżżewwġin friski qegħdin jintefgħu l-konfetti u wara ħadd ma jnaddaf.

5.4.2 Dan l-aħħar bdew isiru wkoll *champaigne parties* wara l-quddiesa tat-tieġ u hemm bżonn li dawn jiġu kkontrollati.

5.4.3 Żied li din iż-żona qed tkun ukoll riklamata mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

5.4.4 Qal li sal-lum il-Kunsill Lokali jista' jagħti permess għall-ħlas ta' €7 sabiex issir attivita', ssir fejn issir.

5.4.5 Għaldaqstant il-Kunsill Lokali għandu joħroġ *bye law* sabiex din ir-rata togħla minħabba li mhumiex jinġabru l-ispejjeż tat-tindif li jkun irid isir wara.

5.4.6 Kien propost li kulmin juża' l-Kappella ta' San Mattew għal attivita' wara t-tieġ irid iħallas is-somma ta' €40 bħala permess sabiex tintuża' l-pjazza u €10 għat-tindif.

5.4.7 Is-Sindku qal li huma biss l-għaqdiet tal-Qrendi li ma jħallsux meta jużaw Misraħ il-Maqluba.

5.4.8 Ippropona li għaldaqstant għandha titħallas rata ta' €80 bħala permess fuq kull attivita' li ssir fil-Misraħ minbarra riċevimenti konnessi ma' tiġien, kif ukoll €20 għat-tindif li jammontaw għal €100.

5.4.9 Żied li għandna nitkellmu mas-Sur Karmnu Farrugia sabiex naraw jekk huwiex lest jidħol għar-responsabilita' tat-tindif.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.4.10 Is-Sindku tkellem ukoll dwar *bye law* minħabba attivitajiet ta' *fund raising*, fejn għandha titħallas is-somma ta' €60 biex jintużaw ċerti żoni bħalma huma l-Maqluba u Wied iż-Żurrieq.

5.5 Is-Sindku tkellem ukoll dwar *bye law* minħabba l-għamara tat-toroq.

5.5.1 Semma korrispondenza li waslet ftit tal-ġimgħat ilu mingħand Frank Salt dwar riklamar fit-toroq.

5.5.2 Qal li permezz ta' Miżura 313 twaħħlu xi *boards* li jistgħu jintużaw fi Triq Ħaġar Qim.

5.5.3 Żied li l-Kunsill Lokali fil-preżent għandu *bye law* u wasal iż-żmien li din tiġi riveduta.

5.5.4 Is-Sindku ppropona li għandhom isiru żewġ *boards* oħra ħdejn il-*lights* li hemm fil-by-pass. Semma' wkoll il-Ġnien tal-Warda fejn hemmhekk jistgħu jsiru numru ta' *boards* tar-riklamar.

5.5.5 Qal li għandna nitkellmu aktar fid-dettall dwar din il-*bye law* fil-laqgħa li jmiss.

5.5.6 Sal-laqgħa li jmiss se jsir mill-aħjar sabiex ikunu ppreparati l-qofsa tal- *bye laws* sabiex jiġu diskussi waqt din il-laqgħa.

## 6. RAPPORT TAŻ-ŻJARA TAR-RAPPREŻENTANTI MILL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI FIL-COMUNE DI FICULLE

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li kellna żjara kordjali ħafna mal-Comune di Ficulle.

6.2 Tkellem dwar il-postijiet li żaret id-delegazzjoni kif ukoll tkellem dwar il-postijiet ta' nteress f'dan ir-raħal.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.3 Qal li x-xewqa kbira tagħhom hi li dan il-ġemellaġġ iseħħ u se nkunu qegħdin nistennew sabiex naraw jekk tintlaqax l-applikazzjoni tagħhom li jidher li jridu jdaħħluha sal-1 ta' Settembru 2013.

6.4 Jekk kemm-il darba dan il-proġett ikun aċċettat, l-ewwel darba li r-residenti tal-Qrendi jkunu jistgħu jagħmlu żjara f'Ficulle ikun fir-Rebbiegħa 2014.

## 7. <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

7.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-każ ta' Wied iż-Żurrieq u kif it-tindif issa qiegħed fi stat tajjeb ħafna.

7.1.1 Semma' s-sellum tal-għaddasa li tpoġġa f'post mhux daqstant addattat u għaldaqstant dan kellu jiġi rranġat xi ftit sabiex ikun jista' jiġi użat mill-għawwiema.

7.1.2 Tkellem ukoll dwar *railings* f'żoni diversi ta' Wied iż-Żurrieq li jew se jiġu rranġati jew inkella se jsiru ġodda.

7.1.3 Qal li l-persuni li jaqilgħu l-ħaxix għamlu biċċa xogħol tajba ħafna għax qatgħu l-ħaxix kollu u ż-żona kienet imnaddfa tajjeb ħafna.

7.1.4 Semma' kif hemm tabella fuq il-Ħnejja li se tkun qed tinbidel fil-jiem li ġejjin minħabba li bjadet u qalgħet ukoll daqqa tajba minn xi karozza.

7.1.5 Tkellem ukoll dwar id-dawl ta' Wied iż-Żurrieq u qal li issa jidher li l-bozoz kollha qegħdin jixgħelu, biss għad trid tinstab soluzzjoni fuq il-*floodlights* li hemm fuq il-belveder.

7.1.6 Qal li probabbli hemm bżonn li jibdew jinżlu l-Gwardjani Lokali għax hemm diversi liġijiet ta' traffiku li qegħdin jinkisru kontinwament.

7.1.7 Is-Sindku semma' wkoll il-problema ta' parkeġġ minħabba li l-*parking*

eżistenti huwa żgħir ħafna u mhux ilaħħaq mad-domanda tal-karozzi.

7.1.8 Il-Kunsillier Daniel Farrugia reġa' staqsa dwar l-arblu u l-bandiera ta' Wied iż-Żurrieq, u meta dawn se jiġu rranġati.

7.1.9 Is-Sindku wieġeb li kollox irid isir bi prijorita'.

7.1.10 Is-Sindku semma' wkoll il-latrina pubblika ta' Wied iż-Żurrieq.

7.1.11 Qal li l-probabbli 'l quddiem il-Kunsill Lokali jkollu jidħol fi spiża kbira minħabba din il-latrina pubblika.

7.2 Tkellem dwar iż-żona ta' Triq Ħaġar Qim kantuniera ma' Triq il-Panorama bi proposta biex din issir *picnic area*.

7.3 Qal ukoll li ġiet persuna mir-*Restoration Unit* sabiex tara l-istatwi ta' raħalna u tara x'hemm bżonn isir sabiex dawn jiġu rranġati.

7.3.1 Żied li din il-persuna tat l-opinjoni tagħha fuq kull statwa u suppost se jkollna risposta dwar jekk hux se nirċievu xi tip ta' għajnuna fil-ġimgħat li ġejjin.

7.4 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-problema ta' parkeġġ f'Misraħ San Mattew.

7.4.1 Qal li l-Kunsill Lokali qiegħed jipproponi li jkun hemm 14-il spazju ta' parkeġġ filwaqt li minn Transport Malta qegħdin ikunu proposti biss 8.

7.5 Is-Sindku tkellem dwar ir-reviżjoni tal-pjan lokali.

7.5.1 Qal li diġa' saret laqgħa ma' membri tal-MEPA dwar ir-raħal tagħna u se jkollna laqgħa oħra dwar Wied iż-Żurrieq.

7.5.2 Fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali se jiġu diskussi l-punti kollha għar-reviżjoni tal-pjan lokali.

7.6 Is-Sindku tkellem dwar l-inizjattivi li ħareġ bihom ir-Reġjun tan-Nofsinhar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.6.1 Qal li waħda minnhom hija l-i*Sports Festival* fejn se tkun qed tipparteċipa n-*nursery* tal-Qrendi Football Club.

7.6.2 Semma' wkoll li se ssir kaċċa għat-teżor f'xi lokalita' mir-Reġjun tan-Nofsinhar.

7.6.3 Qal ukoll li hemm l-idea li ssir attivita' kulturali fuq skala ta' reġjun, fejn il-persuni jkunu jistgħu jduru minn raħal għal ieħor.

7.7 Il-Kunsillier Olympia Sant tkellmet dwar vjaġġi għall-gżira ta' Filfla.

7.7.1 Qalet li l-Captain Morgan talbu l-ħlas ta' €400 għal madwar 50 persuna minħabba li l-vapur jesa' 54 ruħ.

7.7.2 Is-Sindku qal li l-uniku problema tkun biex issib in-nies kull darba li jsiru dawn il-vjaġġi.

7.7.3 Żied li rridu niċċekkjaw mal-Captain Morgan dwar fejn se jorbot, kif ukoll irridu nitkellmu ma' tad-dgħajjes ta' Wied iż-Żurrieq sabiex ikun hemm post minn fejn jorbot il-luzzu.

7.7.4 Saret diskussjoni waqt il-laqgħa fejn fl-aħħar ġie deċiż li dan il-vjaġġ jitlaq minn tas-Sliema u jdur mal-gżira ta' Filfla.

7.8 Il-Kunsillier Olympia Sant tkellmet ukoll dwar il-kors tal-kompjuter għall-adulti.

7.8.1 Qalet li tkellmet mas-Surmast tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, s-Sur Karmenu Pace fejn dan aċċetta li tintuża' l-iskola kif ukoll se jipprovdi l-kompjuters għal dan il-kors.

7.9 Il-Kunsillier Daniela Farrugia ppreżentat mappa tal-lokalita' fejn fiha kien hemm indikat fejn diġa' fil-preżent hemm *dog bins*, kif ukoll ġew identifikati postijiet oħra ġodda fejn jistgħu jsiru dawn id-*dog bins*.

7.9.1 Il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jiċċekkja dwar dawn id-*dog bins* sabiex tittieħed deċiżjoni dwar fejn se jsiru l-ġodda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.10 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li hemm bżonn li jsir *reserved parking* quddiem l-ispiżerija Chrysantemum Pharmacy fi Triq San Nikola.

7.10.1 Qal li mhux l-ewwel darba li t-tobba li jaraw in-nies f'din l-ispiżerija ma jsibux fejn jipparkjaw minħabba li jkun hemm ħafna karozzi.

7.10.2 Is-Sindku David Schembri qal li se nkunu qed niċċekkjaw ma' Transport Malta f'dan ir-rigward.

## 8. FINANZI

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €20,769.74c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 07/13 u €72.35 skont il-*Petty Cash* Ref Q/06.

8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

8.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 t'Awwissu fis-2pm.

9.2 Il-Kunsill Lokali qabel nem. con. dwar il-ħin ta' din il-laqgħa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |